## IT-TFIXKIL TAN-NISRANI – PROFETA

**L-EWWEL QARI**
**Qari mill-Ktieb tal-Profeta Ġeremija**
**Ġer 1, 4-5, 17-19**

Fi żmien Ġosija,
il-Mulej kellimni u qalli:
"Qabel ma sawwartek fil-ġuf, għaraftek;
qabel ma ħriġt minn ħdan ommok, qaddistek.
Jien qegħidtek profeta fuq il-ġnus.
Ħażżem ġenbejk,
qum u għidilhom kull ma ordnajtlek.
La tibżax minnhom,
għax inkella nbeżżgħek jien quddiemhom.
Arani, illum se nagħmel minnek
Belt fortizza,
kolonna tal-ħadid,
ħajt tal-bronż,
kontra l-pajjiż kollu,
kontra s-slaten ta' Ġuda u l-prinċpijiet tiegħu,
kontra l-qassisin tiegħu ul-poplu kollu tal-pajjiż.
Huma jeħduha kontrik,
Imma ma jagħmlulek xejn.
Għax jien inkun miegħek
- kelma tal-Mulej -
biex neħilsek minnhom.''

**Il-Kelma tal-Mulej**
**Inroddu ħajr lil Alla**

**SALM RESPONSORJALI**
**Salm 70**
**Fommi jxandar il-ġustizzja tiegħek**

Fik, Mulej, nistkenn;
Ma jkolli qatt għax ninfixel.
Fil-ġustizzja tiegħek ħollni u eħlisni,
mejjel widintek lejja u salvani.

**R/. Fommi jxandar il-ġustizzja tiegħek.**

Kun għalija sur tal-kenn
U fortizza qawwija għall-ħelsien tiegħi,
għax blata tiegħi u fortizza tiegħi int.
Alla tiegħi, eħlisni minn id il-ħażin.

**R/. Fommi jxandar il-ġustizzja tiegħek.**

Għax int, Mulej, it-tama tiegħi;
Mulej, inti l-fiduċja tiegħi sa minnn żgħożiti.
Fuqek intlaqt sa minn ġuf ommi,
minn ħdan ommi int ħadtni.

**R/. Fommi jxandar il-ġustizzja tiegħek.**

Fommi jxandar il-ġustizzja tiegħek,
kull jum is-salvazzjoni tiegħek.
O Alla, sa minn żgħożiti inti għallimtni;
U jiena nxandar s'issa l-egħġubijiet tiegħek.

**R/. Fommi jxandar il-ġustizzja tiegħek.**

**IT-TIENI QARI**
**(Is-silta bejn Il-parentesi tista' ma tinqarax)**
**Qari mill-Ewwel Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Korintin.**
**1 Kor 12, 31, 13, 1-13**

Ħuti: (Intom tħeġġu għal doni akbar. Jien nurikom, triq li tgħaddihom ilkoll. Jekk nitkellem bl-ilsna tal-bnedmin u ta' l-anġli bla ma għandi l-imħabba, inkun qisni strument tar-ram idoqq jew platti jċekċku. U kieku għandi d-don tal-profezija u naf il-misteri kollha u l-għerf kollu, kieku għandi l-fidi tiegħi hekk sħiħa li nqanqal saħansitra l-muntanji, imma ma għandix l-imħabba, jien ma jien xejn. U jekk inqassam ġidi kollu fil-karita' u nagħti ġismi għall-ħruq bla ma għandi l-imħabba, xejn ma jiswieli ta' ġid.)
L-imħabba taf tistabar u tħenn; l-imħabba mhijiex għajjura, ma tintefaħx biha nfisha, mi titkabbarx fuq l-oħrajn, ma tagħmilx dak li mhux xieraq, xejn ma tfittex dak li hu tagħha, xejn ma jġgħalha tagħdab, ma żżommx f'qalbha għad-deni, ma tifraħx bl-inġustizzja, imma tifraħ bix-sewwa; kollox tagħder, kollox temmen, kollox tittama, jkollox tissaporti. L-imħabba ma tintemm qatt. Igħibu l-profeziji, jisktu l-ilsna, igħib il-għerf. Għalissa nafu biċċa, u l-profezija tagħna hi nieqsa; imma meta jfeġġ dak li hu sħiħ, igħib dak li hu nieqes.
Meta kont tarbija, kont nitkellem ta' tarbija, inħoss ta' tarbija, naħseb ta' tarbija. Meta sirt raġel, warrabt dak li hu ta' tarbija. Bħalissa naraw bħallikieku f'mera, imċajpar; imbagħad naraw wiċċ imb'wiċċ. Issa nagħraf biċċa, imbagħad nagħraf bħalma jien magħruf issa. Issa hawn fidi, tama, u mħabba, tlieta huma: il-kbira fosthom hi l-imħabba.

**Il-Kelma tal-Mulej**
**Inroddu ħajr lil Alla**

**HALLELUJAH**
**Hallelujah. Hallelujah.**
Infaħħrek, Missier, Sid is-sema ul-art,
għax int għarraft liż-żgħar il-misteri tas-saltna.
**Hallelujah.**

**✠L-EVANĠELJU**
**Qari mill-Evanġelju ta' San Luqa.**

**Lq 4, 21-30**

F'dak Iż-żmien: Ġesu' qal lin-nies fis-sinagoga: "Din il-kitba seħħet illum intom u tisimgħu.''
U lkoll bdew juru l-għoġba u l-istagħġib tagħhom għall-kliem mimli ħlewwa li kien ħiereġ minn fommu. "Dan mhux bin Ġużeppi?" bdew jgħidu. Iżda hu qalilhom: "Żgur li se tgħidu għalija dan il-proverbju, 'Tabib fejjaq lilek innifsek; dak kollu li smajna li ġara f'Kafarnahum agħmlu hawn f'pajjiżek ukoll'''. U żied igħidilhom: "Tassew ngħidilkom, ebda profeta ma hu milqgħu tajjeb f'pajjiżu. Għax ngħidilkom is-sewwa kien hemm bosta romol f'Israel fi żmien Elija, meta s-sema baqa' tliet snin u sitt xhur magħluq u waqa' ġuħ kbir fil-pajjiż kollu; madankollu għand ħadd minnhom ma ntbagħat Elija, imma għand waħda armla minn Sarefta ta' Sidon. U kien hemm bosta mġiddmin f'Israel fi żmien il-profeta Eliżew, imma ħadd minnhom ma ġie mfejjaq ħlief Nagħman tas-Sirja.''
Meta semgħu dan fis-sinagoga kulħadd imtela bil-korla; u qamu, ħarġuh 'il barra mill-belt, u ħaduh fuq xifer ta' rdum tal-għolja li fuqha kienet mibnija l-belt tagħhom biex jixħtuh minn hemm fuq għal isfel. Iżda hu għadda minn ġo nofshom u baqa' sejjer.

**Il-Kelma tal-Mulej**
**It-Tifħir Lilek Kristu.**